**PARROCCA SANTA MARGERITA V.M.,SANNAT**
**Tel/Fax: 21551435 . Email: sannatparish@ keyworld.net**
**Website : www.sannatparish.com**

**IL-ĦADD, 24.08.08:** IL-WIEĦED U GĦOXRIN ĦADD MATUL IS-SENA.
**IL-ĠIMGĦA,** 29.08.08: Tifkira tal-Martirju ta' San Ġwann Battista.
**IL-ĦADD, 31.08.08:** It-Tnejn u Għoxrin Ħadd Matul is-sena.

# IL-MISSJONI DJOĊESANA 2008 - 2009

## A. Introduzzjoni:

Wara riflessjoni fuq il-Kelma ta' Alla, kif ukoll fuq is-sitwazzjoni reliġjuża tad-djoċesi, l-Isoqf flimkien mal-equipe pastorali, ħaseb, biex fl-okkażjoni tas-Sena Pawlina, iniedi Missjoni Djoċesana.

## B. L-iskop:

a) Biex l-insara tal-gżira, ikollhom l-opportunita' li jerġgħu jgħixu l-ġrajja tax-xandir ta' l-Aħbar it-Tajba mwassla minn Pawlu.
b) Biex jerġgħu jagħrfu s-sbuħija tal-ħajja tad-dixxipli ta' Ġesu'
c) Biex jerġgħu jagħżlu b'konsapevolezza u rieda li jħobbu lil Ġesu', jieħdu sehem aktar attiv fiċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija u jkomplu l-formazzjoni nisranija tagħhom.

## C. F'hiex tikkonsisti:

2. Mill-1 ta' Ottubru sal-5 ta' Diċembru - ***Żmien ta' Smiegħ u Formazzjoni.***
a. Ftuħ tal-Missjoni u tal-Fażi Formativa – fl-1 ta' Ottubru.
b. Kull Parroċċa toffri numru ta' Lajċi li jistgħu ikunu missjunarji.
c. Isiru serje ta' 10 laqgħat ta' preparazzjoni, waħda djoċesana u l-oħra parrokkjali.

1. Mill-4 sal-25 ta' Jannar - ***Żmien ta' Missjoni u Tħabbira***
a. Liturġija tal-Mandat – 4 ta' Jannar 2009
b. Il-lajċi ffurmati, tnejn tnejn, jiġu mibgħuta fil-familji, biex iwasslu l-aħbar sabieħa ta' Ġesu' Salvatur.
c. Il-Missjoni ssir fil-parroċċi kollha fuq bażi ta' tliet ġimgħat.
3. Mill-25 ta' Frar sal-5 ta' April - ***Żmien ta' Konverżjoni u Ċelebrazzjoni***
a. L-eżerċizzi tar-Randan ikunu marbutin mal-Missjoni
b. Isiru ċelebrazzjonijiet djoċesani u parrokkjali marbuta mal-Missjoni.
4. Mit-12 ta' April sat-30 ta' Mejju - ***Żmien ta' Ringrazzjament u Proposti.***
a. It-Tberik ikompli jwettaq il-preżenza ta' Ġesu' fil-familja, mibdija mill-missjunarji.
b. Il-Kappillan jista jipproponi lill-familji okkażjonijiet konkreti ta' katekeżi, fejn dawn jistgħu ikomplu jikbru fil-mixja tal-fidi.

## D. Biex il-Missjoni tkun possibli:

1. It-Talb : Il-Missjoni titwieled fit-talb, titwettaq fit-talb u twassal għat-talb
2. Is-Sehem tal-Kappillan u tas-Saċerdoti.
3. Is-sehem tal-lajċi mpenjati.
4. Strutturi djoċesani u parrokkjali

## E. Frott tal-Missjoni :

1. Hija okkażjoni oħra biex inħaddmu l-ministeri tagħna bi spirtu ekklesjali f'għaqda ma' l-Isoqf u mal-Knisja f'Għawdex.
2. Aktar nies fil-parroċċi tagħna iħossu l-bżonn li jieħdu sehem attiv fl-Ewkaristija tal-Ħadd u fil-laqgħat ta' formazzjoni.
3. Aktar lajċi jkunu jistgħu jgħixu l-kariżmi tagħhom bħala ministeru fil-Knisja u biex jgħinuna fil-formazzjoni nisranija tat-tfal, taż-żgħażagħ u ta' l-adulti.

**PROPONIMENT TAL-PAPA ĠWANNI XXIII.**

Almenu għal-lum : infittex li nkun ferħan, billi jien ċert li jien ġejt maħluq minn Alla biex inkun ferħan, mhux biss fid-dinja l-oħra iżda wkoll f'din id-dinja,